



Brussell, 6 ta' Frar 2020
(OR. en)

5637/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0020(NLE)**

**MI 15
ECO 3
ENT 7
UNECE 2**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5801/20 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal emendi tar-Regolamenti Nru 10, 26, 28, 46, 48, 51, 55, 58, 59, 62, 79, 90, 106, 107, 110, 117, 121, 122, 128, 144, 148, 149, 150, 151 u 152 tan-NU, mal-proposti għal emendi tar-Regolamenti Tekniċi Globali (il-GTRs) Nru 3, 6 u 16, mal-proposta għal emendi tar-Riżoluzzjoni Kkonsolidata R.E.5 u mal-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda tal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku (id-DEVP) - Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq fil-5 ta' Frar 2020.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) eżamina l-proposta tal-Kummissjoni fit-23 ta' Jannar 2020 abbażi ta' kopji bil-quddiem. Ġew diskussi diversi emendi tekniċi. Il-proposta ġiet formalment ippreżentata u eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) fil-5 ta' Frar 2020. Id-delegazzjonijiet qablu dwar it-test finali tal-proposta.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,
 - jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu f'laqgħa li jmiss, it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 5804/20 wara l-finalizzazzjoni tiegħu mill-ġuristi-lingwisti.
4. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
-